

Brussell, 9 ta' April 2026
(OR. en)

8101/26

EF 105
ECOFIN 447
DELECT 69

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	8 ta' April 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 2152 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'8.4.2026 li jemenda r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/522 fir-rigward tal-permess għan-negozjar matul perjodi magħluqa, il-lista ta' ċentri tan-negozjar deżinjati li għandhom dimensjoni transfruntiera sinifikanti fis-superviżjoni tal-abbuż tas-suq, u l-indikaturi ta' manipulazzjoni tas-suq

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 2152 final.

Mehmuż: C(2026) 2152 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.4.2026
C(2026) 2152 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'8.4.2026

li jemenda r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/522 fir-rigward tal-permess għan-negozjar matul perjodi magħluqa, il-lista ta' ċentri tan-negozjar deżinjati li għandhom dimensjoni transfruntiera sinifikanti fis-superviżjoni tal-abbuż tas-suq, u l-indikaturi ta' manipulazzjoni tas-suq

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Sfond legali

Ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014¹ (ir-“Regolament dwar l-Abbuż tas-Suq” jew “MAR”) jistabbilixxi qafas uniformi għall-prevenzjoni u d-detezzjoni tal-abbuż tas-suq fis-swieq finanzjarji. L-aktar emendi leġiżlattivi reċenti tal-MAR ġew introdotti bir-Regolament (UE) 2024/2809 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² (“l-Att dwar il-Kwotazzjonijiet”). L-Att dwar il-Kwotazzjonijiet kellu l-għan li jtaffi u jagħmel aktar proporzjonati r-rekwiżiti li japplikaw għall-kumpaniji kemm fil-mument tal-kwotazzjoni kif ukoll meta jkunu kkwotati, filwaqt li jippreserva livell suffiċjenti ta' trasparenza, protezzjoni tal-investituri u integrità tas-suq.

Tranżazzjonijiet waqt perjodi magħluqa minn persuni li jwettqu responsabbiltajiet maniġerjali

L-Artikolu 19 tal-MAR jistabbilixxi miżuri preventivi kontra l-abbuż minn informazzjoni privileġġata rigward persuni li jwettqu responsabbiltajiet maniġerjali (“PDMRs”, persons discharging managerial responsibilities) u persuni assoċjati mill-qrib magħhom. Tali miżuri jipprojbixxu lill-PDMRs milli jwettqu tranżazzjonijiet li jinvolvu strumenti finanzjarji rilevanti f'ċerti perjodi definiti (“perjodi magħluqa”), sakemm ma tapplikax eżenzjoni. L-Artikolu 19(13) tal-MAR jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni tispeċifika ċ-ċirkostanzi li fihom l-emittent jista' jippermetti n-negozjar matul perjodu magħluq skont l-Artikolu 19(12) tal-MAR, kif għamlet il-Kummissjoni fir-Regolament Delegat (UE) 2016/522.

L-Att dwar il-Kwotazzjonijiet kien jinkludi strumenti finanzjarji għajr ishma fil-kamp ta' applikazzjoni tal-eżenzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 19(12) tal-MAR. Għalhekk huwa meħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2016/522 jiġi aġġornat skont dan.

Mekkaniżmu għal skambju ta' data dwar l-ordnijiet

Minbarra li naqqas il-piż amministrattiv għall-emittenti, l-Att dwar il-Kwotazzjonijiet saħħaħ il-kapaċità tal-awtoritajiet kompetenti li jidentifikaw u jinfurzaw każijiet ta' abbuż tas-suq transfruntier billi ħoloq mekkaniżmu li jippermetti l-iskambju kontinwu u f'waqtu tad-data dwar l-ordnijiet li toriġina minn ċentri tan-negozjar li għandhom dimensjoni transfruntiera sinifikanti (ara l-Artikolu 25a tal-MAR). L-Att dwar il-Kwotazzjonijiet ta s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati biex tiddeżinja dawk iċ-ċentri tan-negozjar abbażi tar-rilevanza tagħhom għas-superviżjoni tal-abbuż tas-suq f'termini ta' (i) volumi ta' negozjar ġenerali fi klassijiet differenti ta' strumenti finanzjarji (mhux inqas minn EUR 100 biljun fis-sena fi kwalunkwe waħda mill-aħħar 4 snin) u (ii) volumi ta' negozjar fi strumenti finanzjarji li l-aktar suq likwidu tagħhom jinsab fi Stat Membru differenti (mhux inqas minn 50 % meta mkejjejl bħala proporzjon). Fl-ewwel stadju, il-mekkaniżmu għall-iskambju tad-data dwar l-ordnijiet se jkopri biss l-ishma. Fit-tieni stadju, il-mekkaniżmu għandu jiġi estiż biex ikopri d-data tal-ordnijiet dwar il-bonds u l-futuri, soġġett għal rakkomandazzjoni pożittiva mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA, European Securities and Markets Authority).

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-abbuż tas-suq (Regolament dwar l-abbuż tas-suq) u li jħassar id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/124/KE, 2003/125/KE u 2004/72/KE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2014/596/oj>).

Indikaturi ta' manipulazzjoni tas-suq

L-Artikolu 12 tal-MAR jistabbilixxi l-attivitajiet li jitqiesu bħala manipulazzjoni tas-suq. Dawn l-attivitajiet jinkludu:

- (a) id-dħul fi tranżazzjoni, tqegħid ta' ordni għan-negozjar jew xi mgħiba oħra li:
 - (i) tagħti, jew aktarx tagħti, sinjali foloz jew qarrieqa dwar provvista, domanda, jew prezz ta' strument finanzjarju, kuntratt spot relatat mal-komoditajiet jew prodott irkantat ibbażat fuq kwota ta' emissjonijiet; jew
 - (ii) tikseb, jew aktarx tikseb, il-prezz ta' strument finanzjarju wieħed jew aktar, kuntratt spot relatat mal-komoditajiet jew prodott irkantat ibbażat fuq kwota ta' emissjonijiet fuq livell anormali jew artifiċjali;
- (b) id-dħul fi tranżazzjoni, tqegħid ta' ordni għan-negozjar jew kwalunkwe attività jew imgħiba oħra li taffettwa, jew x'aktarx taffettwa, permezz ta' mekkaniżmu fittizju jew kwalunkwe forma oħra ta' qerq jew sotterfuġju, il-prezz ta' strument finanzjarju wieħed jew aktar, kuntratt spot relatat mal-komoditajiet jew prodott irkantat ibbażat fuq kwota ta' emissjonijiet.

L-Anness I tal-MAR jistabbilixxi lista mhux eżawrjenti ta' indikaturi ta' mgħiba manipulattiva relatata mal-użu ta' mekkaniżmu fittizju jew kwalunkwe forma oħra ta' qerq jew sotterfuġju, u lista mhux eżawrjenti ta' indikaturi relatati ma' sinjali foloz jew qarrieqa u mal-iżgurar tal-prezzijiet ("indikaturi ta' manipulazzjoni tas-suq").

L-Artikolu 12(5) tal-MAR jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni tispeċifika l-indikaturi tal-manipulazzjoni tas-suq biex tiċċara l-elementi tagħhom u biex tqis l-iżviluppi tekniċi fis-swieq finanzjarji. Il-Kummissjoni speċifikat dawk l-indikaturi fl-Anness II tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/522².

Objettivi ta' dan ir-regolament delegat

Dan ir-regolament delegat jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2016/522 biex jintlaħqu l-objettivi li ġejjin:

- jiġi rifuż il-kamp ta' applikazzjoni usa' tal-eżenzjonijiet mill-projbizzjoni għall-PDMRs milli jinnegozjaw matul perjodi magħluqa stabbiliti fl-Artikolu 19(12) tal-MAR;
- tiġi stabbilita lista ta' ċentri tan-negozjar deżinjati għall-fini tal-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu għall-iskambju ta' data dwar l-ordnijiet imsemmi fl-Artikolu 25a tal-MAR fir-rigward tal-ishma;
- jiġi aġġornat l-Anness II dwar il-prattiki li jispeċifikaw l-indikaturi tal-manipulazzjoni tas-suq, biex jitqiesu l-iżviluppi tekniċi, bħan-negozjar algoritmiku, u biex jiġu kkoreġuti xi kontroreferenzi żbaljati.

L-emendi għar-Regolament Delegat (UE) 2016/522 għandhom l-għan li jsaħħu l-kapaċità tal-awtoritajiet kompetenti li jidentifikaw l-abbuż tas-suq u jinfurzaw ir-regoli dwar l-abbuż tas-suq f'xenarju ta' negozjar dejjem aktar integrat u kumpless.

² Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/522 tas-17 ta' Diċembru 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' eżenzjoni għal ċerti korpi pubbliċi ta' pajjiżi terzi u l-banek ċentrali, l-indikaturi ta' manipulazzjoni tas-suq, il-limiti ta' divulgazzjoni, l-awtorità kompetenti għan-notifiki ta' ttardjar, il-permess għal negozjar matul perjodi magħluqa u t-tipi ta' tranżazzjonijiet tal-amministraturi notifikabbli (ĠU L 88, 5.4.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2016/522/oj).

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Fis-6 ta' Ġunju 2024, il-Kummissjoni talbet parir tekniku mingħand l-ESMA dwar l-identifikazzjoni taċ-ċentri tan-negozjar li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu l-ġdid għall-iskambju ta' data dwar l-ordnijiet fuq l-ishma (l-Artikolu 25a tal-MAR). L-ESMA wettqet konsultazzjoni pubblika mal-partijiet ikkonċernati dwar il-metodoloġija għall-identifikazzjoni taċ-ċentri tan-negozjar b'dimensjoni transfrontiera sinifikanti. Il-konsultazzjoni saret mit-12 ta' Diċembru 2024 sat-13 ta' Frar 2025³. F'Mejju 2025, l-eżitu tal-konsultazzjoni, inkluża l-lista proposta ta' ċentri tan-negozjar deżinjati, ġie kkomunikat lill-Kummissjoni.

L-aġġornamenti proposti għall-prattiki li jispeċifikaw l-indikaturi tal-manipulazzjoni tas-suq jibnu fuq l-esperjenza tal-awtoritajiet kompetenti fis-superviżjoni tal-abbuż tas-suq u jirriflettu l-parir li l-ESMA tat f'ittra kunfidenzjali li waslet fi Frar 2025.

Mit-18 ta' Diċembru 2025 sat-12 ta' Jannar 2026, il-Kummissjoni kkonsultat lill-Grupp ta' Esperti tal-Kumitat Ewropew tat-Titoli dwar l-abbozz ta' regolament delegat. Il-Kummissjoni rċeviet kumment wieħed matul dik il-konsultazzjoni, li esprima appoġġ u nnota li, b'segwitu għall-Att dwar il-Kwotazzjonijiet, ikunu meħtieġa aktar emendi biex jippermettu r-rapportar aggregat tal-programmi ta' riakkwist tal-ishma. Il-Kummissjoni tinnota li l-bidliet li jikkonċernaw il-programmi ta' riakkwist ta' ishma jkunu jeħtieġu li jiġu emendati l-istandards tekniċi regolatorji stabbiliti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1052, u għalhekk ma jaqgħux taħt il-mandat ta' dan ir-Regolament Delegat.

L-abbozz tar-regolament delegat ġie ppubblikat fuq il-portal tar-Regolamentazzjoni Aħjar għal perjodu ta' feedback ta' 4 ġimgħat mis-17 ta' Diċembru 2025 sal-14 ta' Jannar 2026, f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. Il-Kummissjoni rċeviet sitt kummenti, fejn ġie espress appoġġ ġenerali u ma tqajmet l-ebda kwistjoni sostantiva. Rispondent wieħed identifika inkonsistenza legali bejn il-kamp ta' applikazzjoni tal-eżenzjonijiet mill-projbizzjoni għall-PDMRs milli jinnegozjaw matul perjodi magħluqa, kif ġie estiż bl-Att dwar il-Kwotazzjonijiet, u r-Regolament Delegat (UE) 2016/522. Il-Kummissjoni emendat l-abbozz tar-regolament delegat biex tiżgura li r-Regolament Delegat (UE) 2016/522 jirrifletti b'mod preċiż il-kamp ta' applikazzjoni estiż ta' tali eżenzjonijiet fir-Regolament dwar l-abbuż tas-suq.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

L-Artikolu 1 jintroduċi emendi għar-Regolament Delegat (UE) 2016/522 fir-rigward tat-tranżazzjonijiet tal-PDMRs f'perjodi magħluqa, il-mekkaniżmu għall-iskambju tad-data dwar l-ordnijiet, u l-indikaturi ta' manipulazzjoni tas-suq.

L-Artikolu 2 jistabbilixxi d-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament Delegat.

³

[Consultation on the draft technical advice concerning MAR and MiFID II SME GM.](#)

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'8.4.2026

li jemenda r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/522 fir-rigward tal-permess għan-negozjar matul perjodi magħluqa, il-lista ta' ċentri tan-negozjar deżinjati li għandhom dimensjoni transfruntiera sinifikanti fis-superviżjoni tal-abbuż tas-suq, u l-indikaturi ta' manipulazzjoni tas-suq

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-abbuż tas-suq u li jħassar id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/124/KE, 2003/125/KE u 2004/72/KE⁴, u b'mod partikolari l-Artikolu 12(5), l-Artikolu 19(13), u l-Artikolu 25a(7) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 19(11) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014, il-persuni li jwettqu responsabbiltajiet maniġerjali huma pprojbiti milli jinneozjaw b'ċerti strumenti finanzjarji matul perjodu ta' 30 jum kalendarju qabel ir-rapportar finanzjarju tal-emittent (perjodu magħluq), sakemm ma tapplikax eżenzjoni. Ir-Regolament (UE) 2024/2809 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵ emenda l-Artikolu 19(12) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 biex jestendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-eżenzjonijiet biex ikopri strumenti finanzjarji għajr ishma. Dik l-emenda għall-Artikolu 19(12) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 jenħtieġ li tiġi riflessa fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/522⁶.
- (2) Fl-aħħar snin, ix-xenarju tan-negozjar fl-Unjoni nbidel b'mod konsiderevoli bil-proliferazzjoni ta' ċentri tan-negozjar. Tali proliferazzjoni toħloq sfidi superviżorji importanti, peress li n-negozjar ta' strumenti finanzjarji spiss iseħħ f'diversi postijiet u b'mod transfruntier fl-Unjoni. Dan iżid ir-riskju li l-prattiki ta' abbuż tas-suq ikunu jinvolvu diversi ċentri tan-negozjar li jinsabu fi Stati Membri differenti. Sabiex tiġi

⁴ [ĠU L 173, 12.6.2014, p. 1](http://data.europa.eu/eli/reg/2014/596/oj), ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2014/596/oj>.

⁵ Ir-Regolament (UE) 2024/2809 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2024 li jemenda r-Regolamenti (UE) 2017/1129, (UE) Nru 596/2014 u (UE) Nru 600/2014 sabiex is-swieq kapitali pubbliċi fl-Unjoni jsiru aktar attraenti għall-kumpaniji u sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-kapital għall-intrapriżi żgħar u medji (ĠU L, 2024/2809, 14.11.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2809/oj>).

⁶ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/522 tas-17 ta' Diċembru 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' eżenzjoni għal ċerti korpi pubbliċi ta' pajjiżi terzi u l-banek ċentrali, l-indikaturi ta' manipulazzjoni tas-suq, il-limiti ta' divulgazzjoni, l-awtorità kompetenti għan-notifiki ta' ttardjar, il-permess għal negozjar matul perjodi magħluqa u t-tipi ta' tranżazzjonijiet tal-amministraturi notifikabbli (ĠU L 88, 5.4.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2016/522/oj).

indirizzata dik l-isfida, l-Artikolu 25a tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 jirrikjedi li l-awtoritajiet kompetenti li jissorveljaw iċ-ċentri tan-negozjar b'dimensjoni transfruntiera sinifikanti jistabbilixxu mekkaniżmu għall-iskambju fuq bażi kontinwa ta' data dwar l-ordnijiet dwar l-istrumenti finanzjarji miksuba minn dawk iċ-ċentri tan-negozjar f'konformità mal-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014. Skont l-Artikolu 25a tar-Regolament (UE) Nru 596/2014, fl-ewwel stadju, sal-5 ta' Ġunju 2026, l-awtoritajiet kompetenti huma meħtieġa jistabbilixxu mekkaniżmu li jagħmel possibbli l-iskambju kontinwu u f'waqtu tad-data dwar l-ordnijiet dwar l-ishma. Fit-tieni stadju, sal-5 ta' Ġunju 2028, dak il-mekkaniżmu għandu jiġi estiż għad-data tal-ordnijiet dwar il-bonds u l-futuri. L-Artikolu 25a(7) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tistabbilixxi lista ta' ċentri tan-negozjar deżinjati li għandhom dimensjoni transfruntiera sinifikanti fis-superviżjoni tal-abbuż tas-suq. Abbażi ta' analiżi tad-data tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq ("ESMA"), u filwaqt li jitqiesu l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 25a(7) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014, il-Kummissjoni identifikat iċ-ċentri tan-negozjar li għandhom dimensjoni transfruntiera sinifikanti fis-superviżjoni tal-abbuż tas-suq fir-rigward tal-ishma. Jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2016/522 jiġi emendat biex ikun jinkludi l-lista ta' dawk iċ-ċentri tan-negozjar identifikati.

- (3) Il-Kummissjoni stabbiliet l-indikaturi ta' manipulazzjoni tas-suq, stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 596/2014, fl-Anness II tar-Regolament Delegat (UE) 2016/522. Abbażi tal-esperjenza tal-awtoritajiet kompetenti fis-superviżjoni tal-abbuż tas-suq u meta jitqiesu l-iżviluppi tekniċi, inkluż l-użu ta' tekniki ta' negozjar algoritmiku, huwa meħtieġ li l-Anness II tar-Regolament Delegat (UE) 2016/522 jiġi aġġornat biex jispeċifika li, meta jiġu applikati l-indikaturi tal-manipulazzjoni tas-suq, il-parteciċipanti fis-suq u l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jqisu li l-manipulazzjoni tas-suq tista' titwettaq f'perjodi ta' żmien li jkunu iqsar jew itwal minn jum jew sessjoni ta' negozjar, b'mod partikolari meta l-manipulazzjoni tas-suq tikkonċerna strumenti finanzjarji inqas likwidi jew tinvolvi negozjar algoritmiku. Il-manipulazzjoni tas-suq tista' ssir ukoll permezz ta' ordnijiet għan-negozju jew tranżazzjonijiet li jwasslu għal bidliet sinifikanti fil-volum ta' strument. Għalhekk huwa meħtieġ ukoll li jiġi speċifikat li, meta jiġu applikati l-Indikaturi A(a) u A(d) tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 596/2014, il-parteciċipanti fis-suq u l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkunsidraw ukoll ordnijiet għan-negozjar jew tranżazzjonijiet li jwasslu għal bidla sinifikanti fil-volum, u mhux biss fil-prezz, ta' strument finanzjarju, kuntratt spot relatat tal-komoditajiet, jew prodott irkantat ibbażat fuq kwoti tal-emissjonijiet. Barra minn hekk, biex titqies il-possibbiltà ta' skoperturi indiretti, huwa meħtieġ li jiġi speċifikat li, għall-finijiet tal-Indikatur A(b) tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 596/2014, il-parteciċipanti fis-suq u l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkunsidraw ukoll ordnijiet għan-negozjar jew tranżazzjonijiet minn persuni li ma għandhomx pożizzjoni sinifikanti ta' xiri jew bejgħ iżda li għandhom interess sinifikanti jew skopertura għal bidla fil-prezz tal-istrument rilevanti, inkluż permezz ta' appelli għall-marġni jew patti ta' dejn. Sabiex tissaħħaħ iċ-ċarezza legali u tiġi żgurata l-konverġenza superviżorja, huwa xieraq ukoll li jiġu speċifikati aktar ċerti elementi tal-Indikaturi A(b), A(d), u A(e). Fl-aħħar nett, jeħtieġ li jiġu kkoreġuti kontroreferenzi żbaljati.
- (4) Peress li d-determinazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-awtorizzazzjoni għan-negozjar matul perjodi magħluqa, l-identifikazzjoni ta' ċentri tan-negozjar b'dimensjoni transfruntiera sinifikanti u l-indikaturi riveduti tal-manipulazzjoni tas-suq ifittxu li jtejbju l-effettività tal-qafas tal-abbuż tas-suq, b'mod partikolari billi jsaħħu l-kapaċitajiet tal-awtoritajiet kompetenti li jidentifikaw u jinfurzaw każijiet ta'

abbuż tas-suq, dan ir-Regolament jistabbilixxi dispożizzjonijiet ibbażati fuq il-mandati stabbiliti fl-Artikolu 12(5), l-Artikolu 19(13), u l-Artikolu 25a(7) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014.

- (5) Għaldaqstant jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2016/522 jiġi emendat kif xieraq, ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi tar-Regolament Delegat (UE) 2016/522

Ir-Regolament Delegat (UE) 2016/522 huwa emendat kif ġej:

- (1) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/522 tas-17 ta’ Diċembru 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta’ eżenzjoni mill-applikazzjoni ta’ dak ir-Regolament għal ċerti korpi pubbliċi u banek ċentrali ta’ pajjiżi terzi, l-indikaturi ta’ manipulazzjoni tas-suq, il-limiti ta’ divulgazzjoni, l-awtorità kompetenti għan-notifiki ta’ ttardjar, il-permess għal negozjar matul perjodi magħluqa, it-tipi ta’ tranżazzjonijiet tal-manigġers notifikabbli, u l-lista ta’ ċentri tan-negozjar deżinjati li għandhom dimensjoni transfruntiera sinifikanti fis-superviżjoni tal-abbuż tas-suq”;**
- (2) L-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:
- (a) il-punt (6) huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “(6) it-tipi ta’ tranżazzjonijiet li jiskattaw l-obbligu li jiġu nnotifikati tranżazzjonijiet tal-manigġers;”;**
- (b) jiddaħħal il-punt (7) li ġej:
- “(7) ċentri tan-negozjar li għandhom dimensjoni transfruntiera sinifikanti fis-superviżjoni tal-abbuż tas-suq.”;**
- (3) fl-Artikolu 7, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “2. Fiċ-ċirkostanzi stabbiliti fl-Artikolu 19(12), punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 596/2014, qabel kull negozjar matul il-perjodu magħluq, persuna li teżerċita responsabbiltajiet manigġerjali għandha ttipprovdi lill-emittent talba motivata bil-miktub sabiex tikseb il-permess tal-emittent biex tipproċedi bil-bejgħ immedjat ta’ ishma jew ta’ strumenti finanzjarji għajr ishma matul perjodu magħluq.**
- It-talba bil-miktub għandha tiddeskrivi l-bejgħ propost u tispjega għaliex il-bejgħ ta’ ishma jew ta’ strumenti finanzjarji għajr ishma huwa l-unika alternattiva raġonevoli biex jinkiseb il-finanzjament meħtieġ.”;**
- (4) l-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:
- (a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “1. Qabel jiddeċiedi jekk jagħtix permess biex jipproċedi bil-bejgħ immedjat tal-ishma tiegħu jew ta’ strumenti finanzjarji għajr ishma matul perjodu magħluq, emittent għandu jivvaluta, fuq bażi ta’ każ b’każ, it-talba bil-miktub imsemmija fl-Artikolu 7(2). L-emittent għandu jkollu d-dritt li jawtorizza l-**

bejgħ immedjat ta' ishma jew ta' strumenti finanzjarji għajr ishma biss meta ċ-ċirkostanzi għal tali tranżazzjonijiet jistgħu jitqiesu eċċezzjonali.”;

(b) fil-paragrafu 3, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(b) trid tissodisfa jew tkun f'sitwazzjoni li daħlet fis-seħħ qabel il-bidu ta' perjodu magħluq u li tirrikjedi l-ħlas ta' somma lil parti terza, inkluż obbligazzjoni ta' taxxa, u ma tistax raġonevolment tissodisfa impenn finanzjarju jew pretensjoni b'mezzi oħra ħlief bil-bejgħ immedjat ta' ishma jew ta' strumenti finanzjarji għajr ishma.”;

(5) jiddaħħal l-Artikolu 10a li ġej:

“Artikolu 10a

Ċentri tan-negozjar deżinjati għall-iskambju tad-data dwar l-ordnijiet

Iċ-ċentri tan-negozjar elenkati fl-Anness III għandhom jitqiesu bħala ċentri tan-negozjar li għandhom dimensjoni transfruntiera sinifikanti fis-supervizzjoni tal-abbuż tas-suq fir-rigward tal-ishma kif imsemmi fl-Artikolu 25a tar-Regolament (UE) Nru 596/2014.”;

(6) l-Anness II huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(7) it-test fl-Anness II ta' dan ir-Regolament jiżdied bħala l-Anness III.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 8.4.2026

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN